**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Marzu 2018 – Hércules Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-134/17 R)**

***(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Aċċess għal dokumenti — Dokumenti li jikkonċernaw il-proċedura amministrattiva qabel l-adozzjoni ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata minn Spanja għal tliet klabbs tal-futbol professjonali — Drittijiet tad-difiża — Rifjut ta’ aċċess — Talba għal miżuri provviżorji — Assenza ta’ urġenza”)***

(2018/C 166/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Hércules Club de Fútbol, SAD (Alicante, Spanja) (rappreżentanti: S. Rating u Y. Martínez Mata, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Stromsky, G. Luengo u P. Němečková, sussegwentement J. Baquero Cruz, G. Luengo u P. Němečková, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tagħti aċċess għad-dokumenti li jisabu fil-fajl dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36387 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2013/CP) mogħtija minn Spanja lil Valencia Club de Fútbol SAD, lil Hércules Club de Fútbol u lil Elche Club de Fútbol SAD, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti u huma fundamentali għad-difiża xierqa tal-interessi tagħha.

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal proċeduri għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta’ Frar 2018 – Universität Koblenz-Landau vs Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura**

**(Kawża T-108/18)**

(2018/C 166/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Universität Koblenz-Landau (Mainz, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. von der Lühe u I. Michel, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta bir-referenza OF/2016/0720-EACEA UKOLD tal-21 ta’ Diċembru 2017;

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta bir-referenza OF/2016/0720 tas-7 ta’ Frar 2018;